Permezz tal-preżenti Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Norwich Union International Insurance Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Carmel Formosa, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Carmel Formosa (307736M), filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku, li seħħ fil-25 ta' Ġunju 2004, għall-ħabta ta' 12.30 p.m. f'St. Joseph High Road, il-Ħamrun, bejn il-vettura misjuqa minnek, bin-numru ta' reġistrazzjoni GAF 494 u l-vettura proprjetà tal-mittenti Carmel Formosa, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 194, jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallas lill-mittenti Carmel Formosa, is-somma ta' ħamsa u għoxrin Lira Maltija (Lm25.00) rappreżentanti excess payment minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited bħala riżultat ta' dan l-inċident, u tħallas ukoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited, is-somma ta' mija u tnejn u disgħin Lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm192.35) għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġini, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Il-mittenti jinformawk illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Dina l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament għall-skopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mittenti: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Intimat: Cerviola, P. Wistin Born Street, Marsaskala.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 9th September 2005, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 7th February 2005

To Abdallah Bendokdra - Cerviola, Patri Wistin Born Street, Marsascala.

By the present Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) in the name and in representation of the foreign company Norwich Union International Insurance Limited and the latter as subrogated in the rights of her insured Carmel Formosa, on the basis of the policy of the type comprehensive and by Law, and the same Carmel Formosa (307736M), whilst referring to the car accident which occurred on the 25th June 2004, round about 12.30 p.m. in St. Joseph High Road, Hamrun, between the vehicle driven by you bearing registration number GAF 494 and the vehicle property of the interpellant Carmel Formosa bearing registration number LCF 194, call upon you so that within three (3) days you pay the interpellant Carmel Formosa the sum of twenty five Maltese Liri (Lm25.00) representing excess payment paid by him to the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited, as a result of this incident, and pay also the interpellant Fogg Insurance Agencies Limited, the sum of one hundred and ninety two Maltese liri and thirty five cents (Lm192.35) for the the payments made by it to her insured as a result of the said accident, which accident took place solely as a result of carlessness, negligence, and lack of observance of the traffic regulations on your part.

The interpellants inform you that in case the term given to you uselessly passes, they shall have no alternative, but to proceed further against you will all the means contemplated by Law.

So much so that you may know how to regulate yourself and to avoid useless expenses.

This letter is being made especially, but not limitedly for the purposes of interruption of prescription and in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

Interpellant: Britannia House, Melita Street, Valletta.

Respondent: Cerviola, P. Wistin Born Street, Marsaskala.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2371

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-10 ta' Ottubru 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

L-Aukat Dottor Vincent Galea (ID 50570M) ta' 205/4, Old Bakery Street, Valletta ppreżenta talba fis-6 ta' Lulju 2005, fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Andrew Azzopardi ta' Fingest House, Blokk A, Apartment 2, New Street off Tower Street, l-Imsida MSD 12, jirrimedja għas-spejjeż tal-konvenut ix-xogħol ta' tqegħid ta' madum li ma sarx skond is-sengħa u l-arti u jibdel il-madum difettuż u li mhux ta' kwalità pattwita li ġie supplit u mqiegħed ġewwa l-fond numru 386, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u dan taħt id-direzzjoni u superviżjoni ta' perit inkarigat mill-Qorti.

Għall-fini ta' kompetenza jiġi dikjara li l-valur ma jeċċedix is-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000).

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Avviż Nru 403/05MM) hija differita għat-28 ta' Novembru 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 10th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Advocate Doctor Vincent Galea (ID 50570M) of 205/4, Old Bakery Street, Valletta, filed a Claim on the 6th July 2005, whereby he asked the Court to condemn Andrew Azzopardi of Fingest House, Block A, Apartment 2, New Street off Tower Street, Msida MSD 12, so that he rectify at the defendants costs the laying of the floor tiles which was not carried out according to the art and trade and change the floor tiles which are not of the agreed quality which was supplied and laid in the premises number 386, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara and this under the supervision of an architect appointed by the Court.

For the puposes of jurisdiction the value of the claim does not exceed the sum of four thousand Maltese liri (Lm4,000).

With costs.

The case (Notice Number 403/05MM) is put off to the 28th November 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2372

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi permezz ta' rikors ippreżentat minn Anthony Borg, rikors numru 636/2005, fejn talab li tiġi iddikjarta miftuħa favur Rosina Micallef née Schembri (oħt id-decujus) u dan fi kwota ta' terz indiviż; favur ulied il-mejta Domenica Borg née Schembri (oħt id-decujus) u cioè favur Antoinette u Frank aħwa Borg, u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom u favur ulied il-mejta Margaret Borg née Schembri (oħt id-decujus) u cioe' favur Doris, Mary Sammut, Anthony, John Mary, Joe, Michelina Grech, Tessie Gauci u Domenic, ilkoll aħwa Borg u dan fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, is-SUĊĊESSJONI ta' Maria Schembri, xebba, bint il-mejjet Antonio Schembri u Antonia Schembri née Galea, imwielda u kienet toqgħod il-Mosta u mietet il-Pietà fis-27 ta' Marzu 2005, ta' 75 sena u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu

It is hereby notified that by means of an application filed by Anthony Borg, application number 636/2005, whereby he asked that it be declared open in favour of Rosina Micallef née Schembri (sister of the decujus) and this in the quota of one third undivided share; in favour of the children of the late Domenica Borg née Schembri (sister of the decujus) and that is in favour of Antoinette and Frank brother and sister Borg, and this in the quota of one sixth (1/6) undivided share in favour of each one of them and in favour of the children of the deceased Margaret Borg née Schembri (sister of the decujus) and that is in favour of Doris, Mary Sammut, Anthony, John Mary, Joe, Michelina Grech, Tessie Gauci and Domenic, all brothers and sisters Borg and this in the quota of one twenty-fourth (1/24) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Maria Schembri, unmarried, daughter of the late Antonio Schembri and Antonia Schembri née Galea, born and who resided in Mosta and died in Pietà on the 27th March 2005, intestate, aged 75 and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interested is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of

537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 8 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation And Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 8th November 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2373

Ikun jaf kulħadd permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru 2005, mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), in segwitu għar-rikors ta' Martin u Silvio aħwa Zammit, rikors numru 566/2005, ordnat illi Joan Zammit, xebba, bint Vincent Zammit u l-mejta Carmen Zammit née Mamo, imwielda u toqgħod Tas-Sliema, bil-karta ta' l-identità numru 471165(M) ġiet inabilitata.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 7 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of a decree given on the 14th October 2005, by the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), following an application of Martin and Silvio, brothers Zammit, application number 566/2005, ordered that Joan Zammit, unmarried, daughter of Vincent Zammit and the late Carmen Zammit née Mamo, born and residing in Sliema, having identity card number 471165(M) be incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 7th November 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2374

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-10 ta' Awissu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Rosianne Pace (ID 79071M) ta' 9, Triq Cassarino, San Pawl il-Baħar, ħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u sitta u għoxrin lira Maltija u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm726.61) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1655/05DC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 26th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 10th August 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Rosianne Pace (ID 79071M) of 9, Triq Cassarino, St. Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of seven hundred and twenty six Maltese liri and sixty one cents (Lm726.61) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interest.

The case (Claim Number 1655/05DC) is put off to the 14th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2375

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-3 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Simon Gatt Baldacchino, sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Simon Gatt Baldacchino ta' 36, Casa Borgo, Market Street, il-Furjana, ippreżentaw Talba fil-25 ta' Awissu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Pierre Parnis ta' C'est la Vie, Triq l-Inkurunazzjoni, il-Mosta sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u disgħa u għoxrin lira Maltija u tnax-il ċenteżmu (Lm229.12) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1686/05DC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 3rd October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Citadel Insurance p.l.c. (C21550), as subbrogated in the rights of her insured Simon Gatt Baldacchino, both by policy and by law and the same Simon Gatt Baldacchino of 36, Market Street, Floriana, filed a claim on the 25th August 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Pierre Parnis of C'est la vie, Triq l-Inkuranazzjoni, Mosta to pay the plaintiff company the sum of two hundred and twenty nine Maltese liri and twelve cents (Lm229.12) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1686/05DC) is put off to the 14th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2376

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Edwin Debono (119844M) u martu Georgina Debono (362245M) ta' 83, Flat 1, Triq Melita, Raħal Ġdid, ippreżentaw Talba fil-21 ta' Lulju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Curmi Jewellers Ltd ta' 61B, Triq Ħal Luqa, Raħal Ġdid, tħallas lill-atturi s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Il-kawża (Talba Numru 1632/05DC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 18th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Edwin Debono (119844M) and his wife Georgina Debono (362245M) of 83, Flat 1, Triq Melita, Paola, filed a Claim on the 21st July 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Curmi Jewellers Ltd of 61B, Triq Ħal Luqa, Paola, to pay the plaintiffs the sum of two hundred Maltese liri (Lm200) which amount is due to the plaintiffs.

The case (Claim Number 1632/05DC) is put off on the 14th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2377

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata tagħha Carmen Galea u l-istess Carmen Galea (ID Nru 413369M) ta' 39, Msida Road, Gżira ippreżentaw Talba fl-10 ta' Mejju 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil George Zahra ta' 17, Dawriet il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm275) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1032/05JR) hija differita għall-15 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 22nd September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of its assured Carmen Galea and the same Carmen Galea (ID No 413369M) of 39, Msida Road, Gżira, filed a Claim on the 10th May 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn George Zahra of 17, Dawriet il-Gżejjer, St Paul's Bay to pay the plaintiff company the sum of two hundred and seventy five Maltese liri (Lm275) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1032/05JR) is put off for the 15th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2378

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Frar 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil I.A.C. Company Limited ta' Franwin, St Mary Street, Tarxien, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sebgħa u erbgħin lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm247.91) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 484/03 RFA) hija differita għall-25 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 30th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Mobisle Communications Limited of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 28th February 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn I.A.C. Company Ltd ta' Franwin, St Mary Street, Tarxien, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and forty seven Maltese liri and ninty one cents (Lm247.91) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 484/03RFA) is put off to the 25th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2379

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Settembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2502/2005, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Raymond Caruana, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 30th September 2005, in the records of the judicial letter number 2502/2005, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Raymond Caruana, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' Mejju 2005

Lil: Raymond Caruana

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak sabiex fi żmien sebat ijiem inti thallas is-somma ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin elf, tmien mija, ħamsa u sittin liri Maltin (Lm375.865) bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud ai termini ta' l-Att XXIII ta' l-1998 flimkien ma' l-imgħax legali sal-jum tal-pagament effettiv.

Dan il-pagament flimkien ma' l-ispejjeż u d-drittijiet ta' l-istanti proċedura, għandhom jitħallsu direttament lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Centre Point Buildings, Birkirkara.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, imma mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek.

Din l-interpellanza qed issir ukoll mingħajr preġudizzju għal somom oħra ta' flus dovuti minnek bħala taxxa fuq il-Valur Miżjud li għalihom il-mittenti ser jipproċedi kontra separatament.

Jekk jgħaddi t-terminu lilek prefiss u inti tibqa' inadempjenti, il-mittent ser igħaddi biex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li huwa għandu kontra tiegħek bl-opportuni proċeduri eżekuttivi fuq ħwejġek u dan mingħajr preavviż ieħor.

Mittent: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud
Dipartiment tal-VAT,
Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13.

Intimat: Raymond Caruana (ID 82959M)
75, 'Sacred Heart', Triq l-Idmejda, Ħal Balzan.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 7 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall Civil Court

Today 27th May 2005

To: Raymond Caruana

By the present judicial letter, the Commissioner for Value Added Tax calls upon you so that within seven days you pay the sum of three hundred and seventy thousand eight hundred and sixty five Maltese liri (Lm375.865) as Value Added Tax in terms of Act XXIII of 1998 together with legal interest till the date of effective payment.

This payment together with costs and the fees of the present procedure, are to be paid directly to the Department for Value Added Tax, Centre Point Buildings, Birkirkara.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you.

This calling is being made without prejudice for other sums due by you as Value Added Tax for which the interpellants shall separately proceed.

If the term given to you uselessly passes and you remain in default, the interpellant shall pass to execute the executive title he has against you by the opportune executive procedures and this without any other prior notice.

Interpellant: Commissioner for Value Added Tax
VAT Department,
Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13.

Respondent: Raymond Caruana (ID 82959M)
75, 'Sacred Heart', Idmejda Street, Balzan.

Registry of the Superior Courts, today 7th November 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2380

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1425/05, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Arends Andrè Nicholas (ID 24461A) ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, illum 5 ta' April 2005

Lil: Arends Andrè Nicholas (ID 24461A)
32, Triq San Ġużepp, Tas-Sliema.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali s-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta ġġib a formali konjizzjoni tiegħek il-fatt li inti tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar A Grech Trapani u kuntratt fl-atti tan-Nutar Claire Falzon, datati 29 ta' Mejju 2003 u 21 ta' Awissu 2003 rispettivament, fl-ammont ta' tmien mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm882.53).

Ai termini ta' l-istess kuntratt inti titlef il-benefiċċju tat-terminu lilek u l-bilanċ intier ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u ħamsin lira Maltija u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm26,858.93) issir dovut jekk ma ġġibx il-pagamenti arretrati in regola fi żmien ħmistax-(15) il ġurnata mid-data tan-notifika ta' din l-ittra.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi il-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 7 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 15th July 2005, in the records of the judicial letter number 1425/05, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Arends Andrè Nicholas (ID 24461A) ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court, today 5th April 2005

To: Arends Andrè Nicholas (ID 24461A)
32, St. Joseph Street, Sliema.

By the present judicial letter the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116, Archbishop Street, Valletta, brings to your formal notice the fact that you are in delay in the payments of loan given to you in virtue of a contract in the records of Notary A Grech Trapani and in virtue of a contract in the records of Notary Claire Falzon, dated 29th May 2003 and 21st August 2003 respectively, in the amount of eight hundred and eighty two Maltese liri and fifty three cents (Lm882.53).

In terms of the same contract you loose the benefit of time given to you and the entire balance of twenty six thousand eight hundred and ninety eight Maltese liri and ninety three cents (Lm26,898.93) shall become due if you do not bring the arrears up to date within fifteen days from the service of this letter.

This letter serves to interrupt prescription and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 7th November 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2381

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

KNK Air Conditioners Co Ltd (C17462) ta' Pimpernel, Constitution Street, il-Mosta, ippreżentaw Talba, fil-31 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil KSA Limited (C26771) ta' Trilithon Court, Flat 6, Triq il-Klamari, St Paul's Bay, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 31st October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

KNK Air Conditioners Co Ltd (C17462) of Pimpernel, Constitution Street, Mosta, filed a Claim on the 31st May 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn KSA Limited (C26771) of Trilithon Court, Flat 6, Triq il-Klamari, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and eighty Maltese liri (Lm680) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

Il-kawża (Talba Numru 1195/05 JB) hija differita għall-14 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 1195/05JB) is put off for the 14th November 2005 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2382

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-29 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

James Camilleri & Son Limited (C7679) ta' 110, Cross Road, Marsa, ippreżenta Talba fit-3 ta' Awissu 2005, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil S & D Zammit Co Limited ta' Simon Garage, Triq Dun Xand Cortis, Birkirkara, thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1636/05DC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 29th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

James Camilleri & Son Limited (C7679) of 110, Cross Road, Marsa, filed a Claim on the 3rd August 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn S & D Zammit Co Limited of Simon Garage, Triq Dun Xand Cortis, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of hundred Maltese liri (Lm100) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1636/05DC) is put off on the 14th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2383

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Alfred Spiteri (925549M) ta' Blk. B, Flat 5, St Paul's Mansions, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, ippreżenta Talba fit-18 ta' Mejju 2005, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Roselle Borg Pulis u Edward Borg ta' 28, Cathrine Street, Xewkija, Għawdex, iħallsu lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1087/05PM) hija differita għall-24 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 19th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Alfred Spiteri (9255549M) of Blk. B, Flat 5, St Paul's Mansions, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, filed a Claim on the 18th May 2005, whereby he asked the Tribunal to condemn Roselle Borg Pulis and Edward Borg of 28, Cathrine Street, Xewkija, Gozo, to pay the plaintiff the sum of six hundred Maltese liri (Lm600) which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1087/05PM) is put off on the 24th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2384

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fil-21 ta' Ġunju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Phonica Systems Ltd (C 19112) ta' Marshall Court, Triq Manoel de Vilhena, Gżira, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm545.31) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1328/05PBC) hija differita għat-22 ta' Novembru 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th Septembe 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 21st June 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Phonica Systems Ltd (C 19112) of 2, Marshall Court, Triq Manoel de Vilhena, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and forty five Maltese liri and thirty one cents (Lm545.31) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Claim Number 1328/05PBC) is put off to the 22nd November 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2385

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ottubru 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Iain Sims (ID 25931M) u martu Dorothy Sims (ID 0208072M) ta' 120/121, Triq Lapsi, San Ġiljan, ippreżentaw talba fit-2 ta' Awissu 2005, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Stephen sive Steven Abela (ID 272773M) ta' 22/4, St Julians Hill, St Julians, u jgħid il-għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallas 1) dik is-somma li tiġi stabbilita mill-Qorti bħala l-parti tal-prezz li għandha tiġi rifuża lill-atturi minħabba difetti li ma jidhrux u 2) dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti in linea ta' danni sofferti mill-atturi bħala riżultat ta' u/jew in konnessjoni ma' l-imsemmija difetti li l-konvenut kien jaf bihom fir-rigward għax-xiri tal-fond imsemmi fl-Avviż.

L-atturi jiddikjaraw illi l-valur tat-talbiet ma jaqbiżx il-ħamest elef lira Maltija (Lm5,000).

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru. 449/05 SM) hija differita għas-16 ta' Novembru 2005 fid-9.00 a.m.

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 18th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Iain Sims (ID 25931M) and his wife Dorothy Sims (ID 0208072M) of 120/121, Triq Lapsi, San Ġiljan, filed a Claim on the 2nd August 2005, whereby they asked the Court to condemn Stephen sive Steven Abela (ID 272773M) of 22/4, St Julians Hill, St Julians, and state why he shouldn't be condemned to pay 1) that sum that shall be established by the Court as part of the sum that has to be refunded to the plaintiffs because of latent defects and 2) that sum that has to be liquidated by the Court by way of damages suffered by the plaintiffs as a result and/or in connection with the mentioned latent defects that the defendant knew about in regard the purchase of the premises in the mentioned Notice.

The plaintiffs declare that the value of their claims does not exceed five thousand Maltese liri (Lm5,000).

With costs and interests.

The case (Notice Number 449/05 SM) is put off to the 16th November 2005 at 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 7th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2386

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Transcontiental Properties Limited (C2130) ta' Transcontinental House, 54/1, Zachary Street, Valletta, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Lulju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Dr Lynn Zahra, LL.D., ta' 76, St Paul's Street, Valletta, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf tliet mija u tmienja u disgħin lira Maltija u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm1,398.99) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1429/05JR) hija differita għat-18 ta' Novembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta, illum, 7 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 20th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Transcontiental Properties Limited (C-2130) of Transcontinental House, 54/1, Zachary Street, Valletta, filed a Claim on the 4th July 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Dr Lynn Zahra, LL.D., of 76, St Paul's Street, Valletta to pay the plaintiff company the sum of one thousand three hundred and ninety eight Maltese liri and ninety nine cents (Lm1,398.99) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1429/05JR) is put off for the 18th November 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2387

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2005, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1538/05 FS, fl-ismijiet Doris Camilleri vs Emanuel Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru 2005, Inib. Numru 1538/05, fl-ismijiet (Rikorrent) Doris Camilleri vs (Intimat) Emmanuel Camilleri (ID 873749(M), ir-rikorrenti Doris Camilleri, esponiet bir-rispett;

Illi l-esponenti sabiex tikkawtela l-kreditu hawn fuq imsemmi kontra l-intimat, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 25th October 2005, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction Number 1538/05 FS, in the names Doris Camilleri vs Emanuel Camilleri, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 6th October 2005, Inib. Number 1538/05, in the names (Applicant) Doris Camilleri vs (Respondent) Emmanuel Camilleri (ID 873749(M), the applicant Doris Camilleri, pleaded with respect;

That the applicant to guarantee the credit above mentioned against the respondent humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent so that he be held from selling, alienating of

jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprejtà u b'mod partikolari,

Is-sehem wieħed minn seba' ishma indiviżi (1/7) tal-fond ossia dar, konsistenti f''terraced house' bl-arja libera tagħha li tinstab fl-indirizz 'Clementina House' numru mija u sebgħa u sebgħin (177) u bil-garaxx anness u jinfed magħha, immarkat bin-numru mija u disgħa u sebgħin, it-tnejn fi Blue Grotto Avenue, iż-Żurrieq, liema proprjetà tinstab soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tnax-il lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm12.56) li minnhom disa' liri Maltin u sitt ċenteżmi (Lm9.06) jitħallsu lill-Kurja u tliet liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm3.50) jitħallsu lill-familja Abdilla, altrimenti libera u franka, u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha.

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat.

Kreditu: Lm9,380 (disat elef tliet mija u tmenin) rappreżentanti arretrati ta' manteniment dovuti lir-rikorrenti mill-intimat minn Ġunju 1996 sallum, skond l-anness prospett (Dok. A).

Titolu: Kuntratt ta' separazzjoni tas-sebgħa (7) ta' Diċembru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafà.

Iff. Avukat Dott. Katia Mercieca

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament fil-preżenza ta' Dott. K. Mercieca, b'Dok., illum 6 ta' Ottubru 2005.

Mogħti mill-Qorti Ċivili bix-xhieda ta' l-Onor. Lino Farrugia Sacco, Duttur tal-Liġi, Imħallef.

Illum, 6 ta' Ottubru 2005.

Rikorrent: Doris Camilleri, 23, Triq Zammit Clapp, Pietà.

Intimat: Emmanuel Camilleri, 4, Triq Ġużeppina Curmi, iż-Żejtun.

Reġitru tal-Qorti Superjuri, illum 7 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

transferring or in any other manner disposing inter vivos both by onerous title or gratuitous title any property and in particular,

The share one-seventh undivided (1/7) of the premises or rather house, consisting in a 'terraced house' with its airspace which is situated at the address 'Clementina House' number one hundred and seventy seven (177) and with the annexed garage and which is linked to it, marked with number one hundred and seventy nine, both in Blue Grotto Avenue, Żurrieq, which property is subject to the annual and perpetual groundrent of twelve Maltese liri and fifty six cents (Lm12.56) from which nine Maltese liri and six cents (Lm9.06) are paid to the Curia and three Maltese Liri and fifty cents (Lm3.50) are paid to the Abdilla Family, othertwise free and unencumbered, and with all its rights and appurtenances.

Thus the applicant humbly pays that this Honourable Court orders the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

Credit: Lm9,380 (nine thousand three hundred and eighty Maltese Liri) representing arrears of maintenance due to applicant by the respondent from June 1996 till this day, according to the prospect attached (Doc. A).

Title: Deed of Separation of the 7th of December 1994 in the records of Notary Dr. Carmel Gafà.

Sgd. Advocate Dr. Katia Mercieca

Confirmed before under oath in the presence of Dr. K. Mercieca, with a Doc, today 6th October 2005.

Given by the Civil Court, with the witness of the Hon. Lino Farrugia Sacco, Doctor of Laws, Judge.

Today 6th October 2005.

Applicant: Doris Camilleri, 23, Zammit Clapp Street, Pietà.

Respondent: Emmanuel Camilleri, 4, Ġużeppina Curmi Street, Żejtun.

Registry of the Superior Courts, today 7th November 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2388

Ikun jaf kulħadd illi Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 218/2005, fl-ismijiet Bonnici Elaine pro et noe vs Bonnici Carl, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Elaine Bonnici (ID 465477M) f'isimiha proprio u f'isem bintha l-minuri u b'digriet tal-5 ta' Lulju 2005, l-istess Elaine Bonnici ġiet maħtura bħala kuratriċi 'ad litem' tal-minuri Omissis, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-4 ta' Lulju 2005, Ċitazzjoni kontra Carl Bonnici (ID 479478M), fejn talbet il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bonnici minħabba adulterju, eċċessi, sevizzi, abbandun, minaċċi u inġurji gravi li l-imsemmi konvenut ikkommetta kontra martu l-attriċi u/jew minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabbilment;

2. Tordna lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi personalment u lil binthom minuri manteniment li jogħġobha tiffissa din il-Qorti skond il-bżonnijiet ta' l-imsemmija attriċi u l-minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalità ta' ħin, lok u ġurnata ta' pagament li tiġi wkoll stabbilita inkluż provvediment għaż-żjieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja u għat-tnaqqis dirett mis-salarju tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta fis-sħiħ jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-każ, il-konvenut jitlef kull jedd li għandu għan-nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila ta' l-attriċi u dan minn data li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenut ta' lok li ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attriċi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss il-beni kollha dotali u parafernali tagħha inkluż flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah iħallas lill-attriċi l-valur tagħhom kif jiġi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 21st October 2005, in the records of the Writ of Summons Number 218/2005, in the names Bonnici Elaine pro et noe vs Bonnici Carl, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Elaine Bonnici (ID 465477M) in her own name and in the name of her minor daughter and by decree of the 5th July 2005, the same Elaine Bonnici was appointed as curator 'ad litem' of the minor Omissis, filed, in the Civil Court (Family Section) on the 4th July 2005, a Writ of summons against Carl Bonnici (ID 479478M) whereby she asked the defendant for the reasons premised, saving and necessary and opportune declaration why this Honourable Court should not;

1. Pronounce the personal separation between the parties spouses Bonnici due to adultery, excesses, desertion, threats, and grievous insults that the said defendant committed towards his wife the plaintiff andċor because the marriage irretrievably broke down;

2. To order the same defendant to pay the plaintiff personally and their minor daughter maintenance which this Court deems to fix according to the needs of the said plaintiff and the minor and the means of the defendant, with the modality of time, place and day of payment that shall be also established including a provision for periodical increase to make good for the cost of living increase and the direct deduction from the salary of the defendant.

3. To apply against the defendant the effects of the dispositions of Articles 48, 50 and 51 of the Civil Code of the Laws of Malta entirely or partially so that if it be the case, the defendant looses any right he has to half of the acquisitions that during marriage shall have been made by the work of the plaintiff and this from the date that shall be established by this Court as the date from when the defendant caused this separation to be made.

4. To dissolve and liquidate the community of acquests existing between the contending parties if necessary by the appointment of a referee.

